MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Talba Numru. 853/2011

**Golden Harvest Mfg. Co. Ltd [C-176]**

**vs**

**Mark Pace [K.I. nru. 547677M]; u**
**Manic Company Limited [C-47122]**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fil-5 ta' Ottubru, 2011 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuti tas-somma ta' elf u sitta u erbghin euro u tmienja u hamsin centezmi ta' euro (€1,064.58) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta attrici fl-ammont ta' elf erbgha u sittin euro u tmienja u hamsin centezmu (€1,064.58), bilanc fuq somma akbar, rapprezentanti prezz ta' hobz u oggetti ohra ta' l-ikel mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenuti.

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu s-somma imsemmija, huma baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija s-socjeta attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont ta' elf erbgha u sittin euro u tmienja u hamsin centezmu (€1,064.58) bilanc fuq somma akbar, rapprezentanti prezz ta' hobz u oggetti ohra ta' l-ikel mibjugha u kkonsenjata lilhom.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali nru. 3829/10 datata 22 ta' ottubru, 2010, u bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunta sabiex jidhru ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar il-25 ta' April, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta' April, 2012 u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru llum sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u sitta u erbghin euro u tmienja u hamsin centezmi ta' euro (€1,064.58), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------